TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/152/17/S

*Michael Difesa u Sharon Difesa*
*vs.*
*Ideacasa Co. Ltd*

Illum, 22 ta' Frar, 2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Michael Difesa u Sharon Difesa ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2017 kif ukoll ir-Risposta ta' Vivendo Group ippreżentata fit-2 ta' Novembru 2017;

Ra li fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2017 is-soċjetà konvenuta talbet korrezzjoni fl-okkju fis-sens li dan u kull att sussegwenti għandu jaqra "Ideacasa Co. Ltd" minflok "Vivendo Group";

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2017.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu li s-soċjetà intimata tkun ikkundannata tħallas l-ammont ta' elfejn Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,000.10) stante bibien difettużi;

Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet:

- Li t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-brix tax-xambrella mhux kontestat u għalhekk is-soċjetà ser tbiddel ix-xambrella spejjeż tagħha;
- Li fir-rigward tal-bieb tal-kamra tal-banju, is-soċjeta konvenuta irrikonoxxiet li kien hemm problema iżda offriet soluzzjoni fis-sens li jitpoġġa bieb ieħor tal-istess kwalità u stil;

-Li bl-installar ta' dan il-bieb, il-bibien kollha ser ikunu uniformi;

-Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi skont ix-xhieda tar-rikorrent Michael Difesa, il-problema tirrigwarda l-bieb tal-kamra tal-banju li ma jdurx kollu u jeħel mal-banju. Difesa xehed li fl-opinjoni tiegħu, kienu ttieħdu xi qisien ħżiena għaliex il-bieb li kellu qabel dan kien jiffunzjona perfettament. Huwa żied jixhed li meta tkellem ma' rappreżentanti tas-soċjetà intimata, dawn dejjem qalulu li kellu raġun u li riedu joffrulu xi kumpens. Madankollu, Difesa xehed li fil-fehma tiegħu, jekk jaċċetta xi kumpens ikun qiegħed jaċċetta l-bieb difettuż;

Illi fix-xhieda tiegħu, Julian Stivala, li huwa *sales consultant* fi ħdan is-soċjetà intimata, xehed li d-difett illamentat mill-atturi kien jirriżulta minn żball li sar meta s-*site inspector* tal-kumpannija ħa l-qisien;

Illi mill-assjem tal-provi, partikolarment l-ammissjoni ċara tas-soċjetà intimata f'dan is-sens, jirriżulta nuqqas ċar ta' konformità bejn il-prodotti mistennija, ċioe bibien li jiffunzjonaw sewwa, u dak li fil-fatt irriżulta, jiġifieri li l-bieb tal-kamra tal-banju kellu d-difetti sopra deskritti;

Illi l-ilment tar-rikorrenti jittratta biss il-bieb tal-kamra tal-banju u għalhekk, it-Tribunal qed jifhem li m'hemm ebda ilment rigward il-bibien l-oħra. Din il-fehma hija assodata mill-fatt li r-rikorrent ilmenta wkoll li ċerti soluzzjonijiet li offriet is-soċjetà intimata kienu ser jirriżultaw f'nuqqas ta' uniformità estetika bejn il-bieb difettuż u l-bibien l-oħrajn;

Illi s-soċjetà intimata, tramite x-xhud Julian Stivala, ammettiet li dan id-difett kien *stante* żball fil-qisien li ttieħdu minn impjegat tal-istess soċjetà;

Illi għal skopijiet ta' kompletezza, it-Tribunal jinnota li ebda waħda mill-partijiet ma ppreżentat riċevuta jew *invoice* li tippreċiża jekk l-ammont mitlub huwiex l-ammont imħallas

għall-bibien kollha jew għal bieb wieħed biss. Dan il-punt lanqas ma ġie iċċarat mix-xhieda;

Illi l-Art. 74 tal-Kap. 378 jistipula li l-konsumatur għandu l-jedd li jagħżel jekk jitlobx tiswija jew rimpjazzament jew inkella tnaqqis xieraq fil-prezz jew rexxissjoni tal-kuntratt sa fejn dan jirrigwarda l-prodott difettuż. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Art. 75, jinkombi fuq il-konsumatur li jagħżel x'rimedju jrid;

Illi fir-Risposta relattiva, is-soċjetà intimata diġà qalet li kienet ser tbiddel ix-xambrella spejjeż tagħha u li kienet propensa tbiddel il-bieb in kwistjoni;

Illi għalhekk, it-Tribunal ma jidhirlux li huwa ġust u ekwu li fin-nuqqas ta' preċiżjoni dwar liema bieb jew bibien huma koperti mill-ammont mitlub, huwa jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas dan l-ammont *in toto*;

Illi inoltre, lanqas ma jirriżulta li dan ikun wisq ġust u ekwu fid-dawl tal-offerta ripetuta tas-soċjetà intimata li tħallas għall-bdil tax-xambrella mibruxa u li tbiddel il-bieb, b'dan illi din id-darba l-qisien jittieħdu b'mod korrett;

Illi jiġi ribadit li ma sar ebda ilment dwar il-bibien l-oħrajn;

Illi essenzjalment, l-akkoljiment tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata jkun jirriżulta fl-obbligu tagħhom li jwettqu dak deskritt minnhom stess fir-Risposta, jiġifieri l-bdil tax-xambrella u l-bdil tal-bieb in kwistjoni;

Illi fil-fehma tat-Tribunal, għalkemm huwa konduċiv għal konklużjoni amikevoli li s-soċjeta intimata hija propensa li tbiddel kemm ix-xambrella kif ukoll il-bieb, it-Tribunal ma jistax iċaħħad lill-konsumatur mid-dritt tal-għażla tar-rimedju kif spjegat fl-Art. 74 tal-Kap. 378;

Illi għalhekk, għalkemm it-Tribunal huwa propens li jiddeċiedi f'dan is-sens, jippreċiża li d-deċiżjoni tiegħu ma

tistax tkun interpretata b'tali mod li ċċaħħad lill-konsumatur mid-dritt li jagħżel ir-rimedju li jrid, nonostante l-fatt li fir-Risposta, is-soċjetà konvenuta illimitat ruħha biss li tibdel il-bieb u mhux tnaqqas il-prezz jew tirrexxindi l-kuntratt sa fejn dan jirrigwarda dak il-bieb partikolari.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi:

i. Jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal bdil tax-xambrella u tal-bieb tal-kamra tal-banju u li dan ghandu jsir mis-socjeta intimata fi zmien tlitt gimghat mill-llum u dan mingħajr ebda ħsara għall-jedd tal-konsumatur li jiddeċiedi hu x'rimedju jrid, u dan skont l-Art. 74 tal-Kap. 378 u suġġett għall-provvedimenti tal-Art. 75 tal-Kap. 378;
ii. filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata fejn dawn huma kunfliggenti mas-suespost.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż konnessi mal-każ jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru